MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR. EDWINA GRIMA**

Seduta ta' l-24 ta' Lulju, 2007

Numru. 822/2006

**Il-Pulizija**
**(Supretendent Mario Bonello)**

**vs**

**Joseph Vella bin John u Annunziata nee' Attard, imwieled fid-9 ta' Jannar, 1942 u residenti 1, Flat 3, Triq il-Wied, Zebbug, Ghawdex, detentur tal-karta tal-identita' numru 4142(G)**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuza kontra l-hawn fuq imsemmi **Joseph Vella** li gie akkuzat talli bhala persuna registrata mal-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud skond l-Att ta' l-1998 dwar Taxxa fuq il-Valur Mizjud (Att Nru. XXIII ta' l-1998) u regolamenti maghmula bis-sahha ta' l-istess Att, fil-perjodu ta' bejn Mejju u Novembru 2005, naqas, jew hu

jew impjegati tieghu jew xi persuna ohra li kienet qed tagixxi ghan-nom tieghu, li jaghti jew jipproduci ricevuti fiskali u/jew fattura ta' taxxa, f'ghamla li tigi provduta u/jew approvata mill-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud fuq bejgh ta' provvisti, skond il-kumpens lilu mhallas ghal dawk il-provvisti, u dan bi ksur tal-partiti 1 u 2 tat-Tlettax-il skeda li tinsab ma' l-Att ta' l-1998 dwar Taxxa fuq il-Valur Mizjud u l-artikoli 50, 51, 52 u 77 (a) u (e) u 82 (2) ta' l-Att Nru. XXIII ta' l-1998

U aktar talli fiz-zmien tletin jum mid-data li fiha ma baqax aktar elegibli li jikkwalifika bhala intrapriza zghira (artikolu 11) skond id-dispozizzjonijiet tat-Taqsima Wiehed tas-Sitt Skeda, naqas li japplika sabiex tigi mhassra dik ir-registrazzjoni u dan bi ksur ta' artikoli 11 (4) (b) u 77 (i) ta' l-imsemmi Att

Peress li jirrizulta li hemm taxxa perikolata, liema taxxa tammonta ghal Lm4269.28c, il-Qorti giet mitluba li timponi f'kaz ta' htija, multa li tammonta ghaxar darbiet daqs it-taxxa perikolata, jew prigunerija ta' mhux izjed minn sitt xhur, jew dik il-multa u l-prigunerija flimkien.

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet;

Rat id-dokumenti esebiti;

Semghet il-provi;

Rat l-Artikoli indikati;

Rat illi l-Prosekuzzjoni rtirat it-tieni (2) u t-tielet (3) akkuzi;

Fuq ammissjoni l-Qorti ssib lill-imputat hati u tikkundannah multa ta' hames mitt lira Maltin (Lm500).

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------